MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 404/2011

**Golden Harvest Mfg Co. Ltd (C-176)**

**Vs**

**Palm Court Limited (C-2677)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà Golden Harvest Mfg Co. Ltd. fil-5 ta' Dicembru 2011, permezz ta' liema titlob li s-socjetà Palm Court Limited tigi kkundannata thallasha s-somma ta' hdax-il elf u sitt mitt Euro (€11,600) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-imsemmija socjetà, bl-imghax legali mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez ta' din il-procedura u dawk ta' l-ittra ufficjali tat-23 ta' Awwissu 2011, kontra l-istess socjetà Palm Court Limited;

Rat li s-socjetà Palm Court Limited giet notifikata bir-Rikors promotur u bl-Avviz tas-smigh bil-procedura ta' l-

affissjoni u pubblikazzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 187(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta izda, naqset milli tipprezenta Risposta ghat-talbiet attrici u lanqas dehret ghas-seduti ffissati minn din il-Qorti;

Semghet ix-xhieda ta’ Mark Aquilina, Direttur tas-socjetà attrici, moghtija waqt is-seduta tat-12 ta’ Lulju 2012 u rat id-dokumenti minnu esebiti waqt l-imsemmija seduta;

Rat il-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici fil-konfront tas-socjetà konvenuta u l-fatt li s-socjetà konvenuta naqset milli tidher sabiex tirrispondi ghalih;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza ;

**Ikkunsidrat :**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li s-socjetà konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta’ €11,600 rapprezentanti prezz ta’ merkanzija mibjugha u ikkonsenjata lill-imsemmija socjetà. Mark Aquilina, Direttur tas-socjetà attrici, ikkonferma li s-socjetà konvenuta hija debitrici tas-socjetà attrici u li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut in kwantu ma thallas xejn minnu[1].

Is-socjetà konvenuta giet notifikata bir-Rikors promotur u bl-Avviz tas-smigh bil-procedura ta’ l-affissjoni u pubblikazzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 187(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta izda, naqset milli tressaq ghar-Risposta ghat-talbiet attrici u lanqas dehret ghas-seduti ffissati mill-Qorti. In effetti s-socjetà konvenuta naqset ukoll milli tidher biex tirrispondi ghall-Kapitolu pprezentat fil-konfront taghha mis-socjetà attrici, liema Kapitolu ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi ghalhekk u fid-dawl tax-xhieda ta’ Mark Aquilina moghtija waqt is-seduta tat-12 ta’ Lulju 2012 u tad-dokumenti minnu esebiti waqt l-imsemmija seduta, jirrizulta li t-talba attrici tisthoqq li tigi milqugha.

[1] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-12 ta’ Lulju 2012.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lis-socjetà attrici s-somma ta' €11,600, bl-imghax legali dekoribbli mid-data tar-rispettivi fatturi sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri u dawk relattivi ghall-ittra ufficjali tat-23 ta' Awwissu 2011, jibqghu a karigu tas-socjetà konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------